MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 70/2011/1

**Joseph Bugeja**
***versus***
**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba tiegħu għat-tħassir ta' proċess kriminali u ta' sentenza mogħtija kontrieh fit-23 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u għall-ħlas ta' kumpens.
2. L-attur igħid illi dik is-sentenza ngħatat bi ksur tal-jedd fondamentali tiegħu mħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]

għax wara li kien interrogat mill-pulizija ħareġ stqarrija bla ma tħalla qabel jieħu l-parir ta' avukat, u nstab ħati bis-saħħa ta' dik l-istqarrija.

3. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attur jaħdem fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta bħala *loader*: xogħlu hu li jħott il-valiġġi mill-istiva tal-ajruplan u jqegħedhom fuq il-*conveyor belt* mnejn imbagħad jiġbruhom il-passiġġieri li jkunu waslu fuq dik it-titjira. Waqt *spot check* mill-awtoritajiet l-attur intlemaħ jieħu xi bagalji u, flok iqegħedhom fuq il-*conveyor belt*, qegħedhom f'vettura. Wara l-intervent tal-awtoritajiet instab illi dawn il-bagalji kienu mimlija bi tjur u annimali illi l-importazzjoni tagħhom hija projbita. Għalkemm dan kollu nqabad fuq *film* illi l-kwalità tiegħu kienet ħażina u għalhekk ma setax jinġieb b'xhieda, xehdu diversi uffiċjali li rawh iseħħ b'għajnejhom. L-attur għamel stqarrija li fiha ammetta dan l-għemil tiegħu. F'dak il-waqt ma kienx megħjun minn avukat.

4. L-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u meta xehed ħa lura l-issqarrija li kien għamel. Il-qorti, wara li qieset ix-xhieda kollha u mhux biss l-istqarrija, ma emmnitx dak li xehed u qalet illi "m'għandha l-ebda dubju li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-imputat meta huwa rilaxxja l-istqarrija hija dik li tirrifletti l-verità anki għaliex din il-verżjoni tal-fatti hija pjenament korroborata mix-xhieda ta' [diversi xhieda]". Għalhekk b'sentenza mogħtija fit-23 ta' April 2009 sabitu ħati.

5. L-attur ma appellax minn dik is-sentenza, iżda, b'rikors kostituzzjonali tat-3 ta' Novembru 2011 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili talab rimedju għax qal illi l-fatt illi ma kellux għajnuna ta' avukat meta kien qiegħed jagħti l-istqarrija kien bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Għalhekk talab illi l-qorti:

«tordna r-*restitutio in integrum* u dan billi tannulla l-proċess kriminali … u s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-esponenti fit-23 ta' April 2009;

«takkorda kumpens xieraq lill-esponent minħabba fil-preġudizzju minnu soffert …

«tagħti dawk il-provvedimenti xierqa sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-esponent.»

6. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«… … … f'dan il-każ jidher li stqarrija li għamel ir-rikorrent, u li fiha ammetta l-involviment tiegħu fir-reati li kien akkużat bihom, ittieħdet fiż-żmien meta ma kellux dritt jitlob assistenza ta' avukat. Iċ-ċirkostanzi li wasslu għat-teħid tal-istqarrija mhux rilevanti għax, bħala fatt, din ittieħdet meta l-akkużat ma kienx assistit mil-legali ta' fiduċja tiegħu. Dan ma jfissirx, fil-fehma ta' din il-qorti, li l-proċeduri li ttieħdu kontra r-rikorrent huma nulli. Dan qed jingħad għal żewġ raġunijiet prinċipali.

«Fl-ewwel lok, id-dritt ta' avukat ma nħoloqx bis-sentenzi riċenti li tat il-Qorti Kostituzzjonali. Dan id-dritt kien jeżisti fiż-żmien li ttieħdu l-proċeduri kriminali, meritu ta' din il-kawża, kontra r-rikorrent, u jekk dan tal-aħħar ma invokax dak id-dritt fiż-żmien opportun, ma jistax issa, kważi sentejn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jinvoka dan id-dritt. Ir-rikorrent, wara li rrilaxxja l-istqarrija, kellu kull opportunità jikkontesta l-istess quddiem dik il-qorti. Hu ilmenta biss li l-istqarrija ma tirrispekkjax il-verità, u tela' jixhed biex jagħti verżjoni oħra li, skond hu, kienet tirrispekkja dak li fil-fatt ġara. Fl-ebda stadju, però, ma qal li hu kien ġie mġiegħel jiffirma l-istqarrija jew li, meta ttieħdet dik l-istqarrija, inkisrulu l-libertajiet fundamentali tiegħu. *Inoltre*, wara li ngħatat is-sentenza mill-ewwel qorti, ir-rikorrenti ma appellax mis-sentenza, u naqas milli jużufruwixxi ruħu mill-opportunità illi jissolleva dan l-aggravju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

«Oltre dan, u fit-tieni lok, is-sejbien ta' ħtija u l-piena ma kinitx, f'dan il-każ, ibbażata biss fuq dak li qal ir-rikorrent fl-istqarrija tiegħu. … … … Dwar l-involviment tar-rikorrent fil-każ, il-qorti kellha quddiemha ix-xhieda ta' diversi persuni li qabdu lir- rikorrent *in flagrante*. … … …

«Il-qorti, imbagħad, għamlet referenza għall-istqarrija tar-rikorrent u għad-depożizzjoni tiegħu fl-awla. Il-qorti osservat li l-istqarrija li ta "tirrifletti l-verità", però dan ma jfissirx li hi straħet kompletament fuq dik l-istqarrija. Hi sabet li dak li jirriżultalha mill-provi jindika ħtija tar-rikorrent u li l-fatti li wassluha għal din il-konklużjoni kienu jirriżultaw ukoll mill-istqarrija tar-rikorrent. Huwa ċar li anke mingħajr l-istqarrija, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha biżżejjed provi fuqiex issib il-ħtija tiegħu.

«Il-Qorti Kriminali [*sic*] ma qagħdetx biss fuq l-istqarrija li kien għamel ir-rikorrent, iżda eżaminat il-provi kollha u rat li kien hemm provi oħra li jorbtuh mar-reat in kwistjoni. Kwindi, f'dan il-każ, is-sejba ta' ħtija ma kinitx bażata unikament jew prinċipalment fuq l-istqarrija li għamel ir-rikorrent, iżda fuq ċirkostanzi oħra li wasslu għall-qorti tqis bħala ppruvat l-involviment tiegħu fir-reati li kien akkużat bihom.

«Dan kollu apparti dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Il-Pulizija *vs* Lombardi fis-sens illi "Din il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea iżda m'għandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-deċizjonijiet li llum huma *res judicata*". … … …»

7. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-12 ta' April 2012. Il-konvenut wieġeb fit-30 ta' April 2012 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud.

8. Il-qorti sejra issa tqis wieħed wieħed l-aggravji tal-attur appellant.

9. L-ewwel aggravju jolqot l-aħħar parti tas-silta mis-sentenza tal-ewwel qorti miġjuba fuq. L-attur igħid illi għalkemm huwa minnu illi "l-ġurisprudenza in kwistjoni tal-Qorti Ewropeja m'għandhiex ikollha effett retro-attiv", u ma tolqotx "dawk id-deċiżjonijiet li kienu *res judicata* fi żmien meta ġiet żviluppata din il-ġurisprudenza", madankollu dan il-prinċipju ma jolqotx il-każ tiegħu għax:

«Il-kawża tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Salduz *vs* Turkey ġiet deċiża fis-27 ta' Novembru 2008; is-sentenza ikkontestata ġiet mogħtija mill-onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' April 2009. Għalhekk huwa ċar li l-applikazzjoni tal-prinċipju enunċjat mill-Qorti Ewropea f'dan ir-rigward ma jkunx qed jaffettwa deċiżjoni li kienet diġà saret *res iudicata* fiż-żmien meta ġie żviluppat, peress illi dan il-prinċipju ġie enunċjat qabel is-sentenza ikkontestata u għalhekk m'hemm l-ebda kwistjoni ta' retro-attività.

10. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-jedd għal għajnuna ta' avukat huwiex jedd "ġdid", u jekk qorti – organu ġudizzjarju – għandhiex is-setgħa li toħloq jeddijiet ġodda bla ma b'hekk tkun qiegħda tużurpa setgħat leġislativi, din il-qorti tosserva illi l-kumment tal-ewwel qorti kien x'aktarx wieħed *obiter* għax sabet illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, ma kien hemm ebda ksur ta' jeddijiet fondamentali u

għalhekk il-kwistjoni jekk il-jedd *de quo* inħoloqx qabel jew wara hija biss akkademika.

11. Dan l-aggravju għalhekk ikun relevanti biss jekk din il-qorti ssib, kontra dak li sabet l-ewwel qorti, illi kien hemm ksur tal-jedd fondamentali, u l-qorti terġa' tqisu wara li tkun qieset l-aggravji l-oħra fil-meritu.

12. Fit-tieni aggravju l-attur igħid illi ma jaqbilx mal-ewwel qorti illi "ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-teħid tal-istqarrija m'humiex relevanti".

13. Dak li effettivament qalet l-ewwel qorti huwa illi:

«iċ-ċirkostanzi li wasslu għat-teħid tal-istqarrija mhux rilevanti għax, bħala fatt, din ittieħdet meta l-akkużat ma kienx assistit mil-legali ta' fiduċja tiegħu.»

14. Jidher ċar illi l-attur ma fehemx illi b'dan il-kumment l-ewwel qorti kienet qiegħda taqbel mat-teżi tiegħu – tajba jew ħażina – illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi li jwasslu għal dak in-nuqqas, jista' jwassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Fil-fatt il-qorti kompliet tgħid:

«Dan ma jfissirx, fil-fehma ta' din il-qorti, li l-proċeduri li ttieħdu kontra r-rikorrent huma nulli.»

15. Dan ifisser illi l-ewwel qorti waslet biex ċaħdet it-talbiet tal-attur *minkejja* u mhux *minħabba* l-fatt li "ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-teħid tal-istqarrija mhux rilevanti".

16. Dan l-aggravju, imsejjes fuq apprezzament ħażin ta' dak li riedet tgħid l-ewwel qorti, huwa għalhekk miċħud.

17. It-tielet aggravju jolqot l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi "d-dritt ta' avukat ma nħoloqx bis-sentenzi riċenti li tat il-Qorti Kostituzzjonali. Dan id-dritt kien jeżisti fiż-żmien li ttieħdu l-proċeduri kriminali, meritu ta' din il-kawża, kontra r-rikorrent". L-attur igħid illi l-liġi li tat dak il-jedd daħlet fis-seħħ fl-2010[1] waqt illi l-proċeduri kontrieh intemmu fl-2009, u għalhekk ma hux minnu illi l-jedd kien jeżisti fiż-żmien li ttieħdu l-proċeduri kriminali.

18. Dan jikkontradiċi dak li qal l-attur stess fl-ewwel aggravju tiegħu meta qal illi l-jedd inħoloq bis-saħħa ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u illi "dan il-prinċipju ġie enunċjat qabel is-sentenza ikkonte-

[1] L-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali, li jagħti l-jedd għal parir legali, daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 bis-saħħa tal-Avviż Legali 35 tal-2010.

stata", u x'aktarx illi għalhekk kienet qiegħda tirreferi l-ewwel qorti. Tassew illi l-attur qiegħed jirreferi għal meta daħal fis-seħħ l-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali, iżda din il-kawża ma hijiex dwar jekk tħarisx dak l-artikolu tal-liġi ordinarja iżda dwar jekk kienx hemm ksur ta' jeddijiet fondamentali.

19. Li jidher li riedet tgħid l-ewwel qorti hu illi s-sentenzi tal-Qorti Ewropea li aċċennaw għall-jedd ta' għajnuna legali kienu ngħataw qabel ma nqatgħu l-proċeduri kontra l-attur u kien għalhekk illi qalet illi l-attur kien imissu ikkontesta l-istqarrijia tiegħu għar-raġuni ta' inkompatibilità mal-art. 6 tal-Konvenzjoni f'dak l-istadju.

20. Għalkemm in-nuqqas tal-attur li jikkontesta l-validità tal-istqarrija f'dak l-istadju ma jfissirx neċessarjament illi ma jistax jitlob rimedju kostituzzjonali, din ma kinitx ir-raġuni waħdanija li fuqha l-ewwel qorti sejset id-deċiżjoni tagħha u dan l-aggravju, waħdu, ma huwiex biżżejjed biex din il-qorti tħassar is-sentenza appellata.

21. Fir-raba' aggravju tiegħu l-attur jgħid hekk:

«Illi l-ewwel onorabbli qorti tgħid ukoll fis-sentenza tagħha illi għalkemm l-appellant kien ikkontesta l-kontenut tal-istqarrija fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) huwa fl-ebda ħin ma lmenta li kien ġie mġiegħel jiffirma l-istqarrija in kwistjoni. Bir-rispett kollu jingħad illi din hija konsiderazzjoni totalment irrelevanti u din il-linja ta' ħsieb tmur kompletment kontra l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali … … … F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Pawlu Grech, fejn intqal illi "... xorta waħda jseħħ ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jekk il-persuna tinżamm mill-pulizija bla ma tingħata l-opportunità li tieħu parir mingħand avukat, imqar jekk dik il-persuna tibqa' b'fommha meħjut il-ħin kollu. Minnha nnifisha, lanqas il-fatt li l-istqarrija saret volontarjament ma hija wisq rilevanti għall-finijiet dwar jekk l-istess stqarrija tteħditx mingħajr ma l-persuna li għamlitha kellha l-għajnuna ta' avukat tal-fiduċja tagħha."»

22. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma daħal fis-seħħ l-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali il-jedd għal parir ta' avukat kien magħruf bħala element tal-jedd

għal smigħ xieraq bil-ħsieb illi jitħarsu persuni illi, minħabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża', setgħu jagħmlu stqarrijiet li bis-saħħa tagħhom jinsabu ħatja meta fis-sewwa ħatja ma humiex.

23. Hekk, il-każ ta' Salduz *v.* it-Turkija[2] kien dwar żagħżugħ li kellu biss sbatax-il sena meta ġie arrestat u interrogat mill-pulizija mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta li kien ħa sehem f'attività politika illegali. Meta, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt tehdid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' Panovits *v.* Ċipru[3] ukoll l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-qorti kellha tikkundannah għal disprezz *in faciem curiæ* – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Fil-każ ta' Płonka *v.* Il-Polonja[4] l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu.

24. Fost s-sentenzi mogħtija minn din il-qorti nsibu l-każ ta' Il-Pulizija *v.* Esron Pullicino[5], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera[6], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.

25. Fil-każ tallum ma ntweriex illi l-attur ibati minn xi vulnerabilità partikolari jew li ġie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex għamel l-istqarrija. Il-preżenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbużi bħal dawn, iżda l-attur ma allegax li dan seħħ fil-każ tiegħu. Li qal l-attur hu illi l-istqarrija li iffirma għaliha ma hijiex l-istqarrija li tassew għamel – din l-allegazzjoni hija l-meritu tal-ħames aggravju u nqisuha aktar 'il quddiem.

---

2 Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02.

3 Q.E.D.B. 11 ta' Diċembru 2008, rikors 4268/04.

4 Q.E.D.B. 31 ta' Marzu 2009, rikors 30310/02.

5 Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.

6 Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.

26. Ċertament illi l-jeddijiet fondamentali huma maħsuba biex iħarsu lil min hu dgħajjef u vulnerabbli iżda ma humiex maħsuba biex bis-saħħa tagħhom il-ħatja jaħarbu l-konsegwenzi ta’ għemilhom. Il-jeddijiet fondamentali huma waħda mill-kisbiet ewlenin tad-dritt: tkun traġedja jekk jiġu trivjalizzati u, aktar, dirottati għas-servizz tad-delinkwenza, bħallikieku issa nħoloq xi jedd fondamentali li min hu ħati ma jinstabx ħati.

27. Dan l-aggravju huwa, għalhekk, miċħud.

28. Fil-ħames aggravju tiegħu l-attur igħid hekk:

«Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti illi l-appellant lanqas ma qal waqt li kien qed jixhed illi nkisrulu l-libertajiet fundamentali tiegħu, jiġi sottomess bir-rispett illi hekk kif l-appellant allega illi l-pulizija kienu kitbu fl-istqarrija tiegħu ammissjoni illi hu qatt ma ghamel, liema allegazzjoni ma ġiet fl-ebda stadju ikkontestata mill-uffiċjal prosekutur, kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kellha tieħu dawk il-passi kollha neċessarji sabiex tassigura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellant, u n-nuqqas da parti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tagħmel dan m’għandux jintuża kontra l-appellant.»

29. L-allegazzjoni tal-attur illi l-istqarrija iffirmata minnu ma hijiex tassew dik li hu għamel hija kwistjoni ta’ kredibilità li qisitha l-Qorti tal-Maġistrati u waslet għall-konklużjoni illi “l-qorti m’għandha l-ebda dubju li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-imputat meta huwa rilaxxja l-istqarrija hija dik li tirrifletti l-verità anki għaliex din il-verżjoni tal-fatti hija pjenament korroborata mix-xhieda ta’ [diversi xhieda]. … Iċ-ċirkostanzi indikati mill-imputat sabiex jipprova jiskredita dak kollu kontenut fl-istqarrija huma għal kollox inverosimili u ma jistgħux jitwemmnu.” Setgħet kienet meritu ta’ appell, li kieku l-attur tassew ħassu aggravat bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati meta ngħatat: fi kliem ieħor, hija l-meritu tal-proċeduri penali u mhux ta’ proċeduri kostituzzjonali.

30. Għamlet sew mela l-ewwel qorti meta osservat illi kien biss f’dawn il-proċeduri illi l-attur qal illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd fondamentali tiegħu. Għalkemm dan, fih innifsu, ma jżommux milli jiftaħ din il-kawża u lanqas, waħdu, ma jwassal biex it-talbiet tiegħu jiġu miċħuda, ma jistax ma jitfax dawl fuq kemm, ukoll fil-fehma tal-attur innifsu, dak li issa qiegħed iqisu bħala ksur

ta’ drittijiet ma kellux konsegwenzi gravi u kien biss nuqqas formali.

31. Dan, fil-fehma tal-qorti, huwa abbuż tal-proċess ġudizzjarju, u l-aggravju huwa miċħud.

32. Is-sitt aggravju tal-attur igħid hekk:

«Illi lanqas għandu jintuża l-fatt illi l-appellant ma appellax quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kontrieh mill-ewwel onorabbli qorti wara li kienet diġà skartat l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas tal-eżawriment tar-rimedji ordinarji. Din il-konsiderazzjoni hija kontradizzjoni assoluta *stante* illi biex l-ewwel onorabbli qorti aċċettat illi tiddeċiedi fuq il-mertu neċessarjment ifisser illi kienet aċċettat is-sottomissjoniet tal-appellant illi kien hemm raġuni serji u validi għaliex huwa ma appellax quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali»

33. L-ewwel qorti ma ċaħditx l-eċċezzjoni dwar rimedji taħt il-liġi ordinarja taħt il-*proviso* għall-art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea iżda ma ipprovdietx dwarha, għalkemm in-nuqqas tal-attur illi jinqeda bir-rimedju tal-appell x’aktarx kellu jwassalha biex tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt dak l-Att. Dan iżda ċertament ma jwassalx għall-konsegwenzi li jrid l-attur.

34. Il-fatt illi l-attur ma appellax mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jagħmilha ovvja għal din il-qorti illi l-attur ma ħassux aggravat bis-sentenza – forsi għax f’qalbu ħass li kienet tgħid is-sewwa – u għażel li jerġa’ jiftaħ il-kwistjoni meta sar jaf bis-sentenzi li ngħataw f’dawn l-aħħar snin minn din il-qorti u mill-Qorti Ewropeja u ħaseb illi jagħtuh xi *get out of jail free card*. Il-qorti terġa’ ttenni illi l-jeddijiet fondamentali ma humiex maħsuba biex il-ħatja jaħarbu l-konsegwenzi ta’ għemilhom.

35. Is-seba’ aggravju jgħid hekk:

«Illi l-ewwel onorabbli qorti wkoll għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza illi żviluppat il-prinċipju li n-nuqqas ta’ assistenza legali qabel ma tiġi rrilaxata stqarrija jammonta għal leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Il-Qorti Ewropea u l-Qorti Kostituzzjonali nostrana kienu ċari ħafna f’dan ir-rigward u d-dritt għall-assitenza legali qabel ma tittieħed stqarrija ma ġiex limitat biss għal dawk il-kawżi fejn l-istqarrija tkun l-unika prova tal-prosekuzzjoni. Skont il-Qorti Kostituzzjonali nostrana, in-nuqqas ta’ assistenza legali fl-

istadju inizjali tal-investigazzjoni jammonta għal leżjoni tad-drittijiet tal-akkużat, u dan in linea mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Fil-fatt fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti Ewropea tenfassiza illi "*The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction*."

«Illi għalhekk dan imur kontra wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u *cioè* "*equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused. … At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that state of the proceedings. … In most cases this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself.*" (Salduz*,* kwotat fis-sentenza Il-Pulizija *vs* Mark Lombardi).

«Illi dan ifisser [illi] l-ewwel onorabbli qorti għamlet applikazzjoni u interpretazzjoni ħazina tal-ġurisprudenza in kwistjoni meta waslet għall-konklużjoni illi peress li kien hemm provi oħra ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet tal-appellant minħabba li ma ġiex konċess id-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni. Il-ġurisprudenza fil-fatt ma tgħidx *when incriminating statements are the only evidence on which a conviction is based,* iżda tgħid *"... when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviccion*"*.* Fil-proċeduri kontra l-appellant ġiet użata tali stqarrija għal sejbien ta' ħtija tal-appellant, u dan ġie rilevat anke mill-ewwel qorti. Iż-żewġ elementi kruċjali huma l-fatt illi r-rikorrenti ma kienx gie konċess id-dritt li jikkonsulta avukat qabel ma jirrilaxxa stqarrija u l-fatt illi din l-istqarrija tkun ġiet użata fi proċeduri kontrieh għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ odjern dawn iż-żewġ elementi jeżistu u dan ġie stabbilit mill-ewwel onorabbli qorti. Għalhekk l-appellant umilment jissottometti illi l-konklużjoni tal-ewwel onorabbli qorti li ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu kienet kompletament żbaljata. … … …»

36. Dan, fil-fehma ta' din il-qorti, huwa l-qofol tal-kwistjoni kollha. L-attur jippretendi illi, minkejja li hemm

xhieda oħra, barra mill-istqarrija tiegħu, li turi l-ħtija tiegħu, għandu joħroġ ħieles għax ma kellux avukat miegħu meta għamel dik l-istqarrija.

37. Interpretazzjoni superfiċjali wisq tas-sentenza ta' Salduz għandha mnejn twassal għall-konklużjoni li jrid l-attur, *viz.* illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, u huwa minnu illi jekk taqra biss siltiet magħżula mis-sentenza ta' Salduz tista' tasal għal dik il-konklużjoni:

«55. … … … the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.»

38. Madankollu, dik tkun konklużjoni mgħaġġla wisq, għax dak li jingħad f'dik is-silta għandu jinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jingħad f'partijiet oħra tas-sentenza, partikolarment fil-para. 51 *et seqq.*:

«51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused.

«52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. However, this right has so far been considered capable of being subject to restrictions for good cause. The question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified and, if so, whether, in the light of the entirety of the proceedings, it has not deprived the accused of a fair hearing, for even a justified restriction is capable of doing so in certain circumstances.
«53. These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.
«54. In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial. At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of

the will of the accused. Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. In this connection, the Court also notes the recommendations of the CPT[7], in which the committee repeatedly stated that the right of a detainee to have access to legal advice is a fundamental safeguard against ill-treatment. Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.»

39. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52: "*National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings*"[8]. Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("*adverse inference*") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.

40. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: "*This right* [*to assistance by a lawyer*] *indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case*

7 European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment.

8 Ara wkoll Płonka *v.* Il-Polinja, para. 34.

*against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused*". Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta' tehdid, vjolenza jew abbuż.

41. Ma ninsewx ukoll illi l-każ ta' Salduz kien wieħed estrem u eċċezzjonali. L-akkużi miġjuba kontrieh mill-istat tork kienu x'aktarx ta' natura politika – kien mixli, u eventwalment instab ħati, talli ħa sehem f'attività ta' partit politiku u waħħal strixxun bil-kliem "*Viva l-mexxej Apo*" – u kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat u ammetta dan kollu mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat. Meta, iżda, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt tehdid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Tassew illi *hard cases introduce bad law*.

42. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa:

«Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial *if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced* by an initial failure to comply with its provisions.[9]»

43. Għalhekk, ma ntremiex għalkollox il-prinċipju illi l-kwistjoni kienx hemm ksur jew le trid titqies "*in the light of the entirety of the proceedings*", għax l-art. 6 jagħti jedd għal smigħ xieraq u mhux jedd għal parir ta' avukat waqt l-interrogazzjoni.

44. L-attur instab ħati fuq xhieda ta' min rah jagħmel ir-reat u mhux biss bis-saħħa tal-istqarrija tiegħu – inqabad *in flagrante*. Din il-qorti terġa' ttenni illi d-drittijiet fondamentali ma humiex maħsuba biex iħallu lill-ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għamilu. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

45. It-tmien aggravju huwa pratikament l-istess bħal dak ta' qablu, *viz.* illi huwa irrelevanti l-fatt li l-attur instab ħati fuq xhieda barra l-istqarrija:

[9] Salduz *v.* it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).

«… l-ewwel onorabbli qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-prinċipji enunċjati fil-każ ta’ Salduz meta iddeċidiet illi ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet tal-appellant għaliex l-istqarrija ma kinetx l-unika prova prodotta mill-prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu. Din ic-cirkostanza ma toħroġx mis-sentenza ta’ Salduz … … …»

46. Għall-istess raġunijiet mogħtija għaċ-ċaħda tas-seba’ aggravju, it-tmien aggravju wkoll huwa miċħud.

47. Id-disa’ aggravju jgħid illi l-ewwel qorti ma tatx importanza xierqa għall-fatt illi l-attur kien ikkontesta dak li tniżżel fl-istqarrija tiegħu. L-attur jgħid illi:

«… huwa tal-umli fehma illi l-ewwel qorti kellha tagħti aktar importanza ’l-fatt li l-istqarrija tiegħu kienet tikkontjeni ammissjoni illi huwa ikkontesta taħt ġurament quddiem il-Qorti tal-Magistrati billi qal illi huwa qatt ma kien ta tali ammissjoni lill-pulizija, liema allegazzjoni qatt ma ġiet ikkontesta mill-prosekuzzjoni, meta ġiet biex tiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ. Għalkemm l-ewwel onorabbli qorti ma tagħmel l-ebda aċċenn għal din iċ-ċirkostanza partikolari, peress illi s-sottomissjonijiet tal-appellant rigward l-eċċezzjoni prelimari tal-Avukat Ġenerali kienu jikkonċernaw din il-kwistjoni, u ġaladarba l-ewwel onorabbli qorti ma aċċettatx l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali, jidher illi l-ewwel qorti aċċettat din il-verżjoni tal-fatti fir-rigward tal-ammissjoni kontenuta fl-istqarrija tal-imputat. Il-fatt li però meta ġiet biex tiddeċiedi fuq il-mertu, l-ewwel qorti skartat din iċ-ċirkostanza kompletament wassal għal deċiżjoni żbaljata fuq it-talbiet tar-rikorrenti. Huwa stabbilit illi meta jsiru *statements* inkriminanti minn persuni li ma jkunx ingħatalhom id-dritt li jikonsultaw avukat, u dawn l-i*statements* jintużaw kontra tagħhom f'proċedimenti kriminali ikun hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq. *Multo magis* f’każ fejn ikun hemm ammissjoni ivvintata mill-pulizija illi jkunu approfittaw ruħhom mill-vulnerabilità ta’ persuna li ma tafx taqra u għalhekk ma tkunx tista’ tivverifika l-kontenut tal-istqarrija.»

48. Dan l-aggravju jixbah ħafna lill-ħames wieħed, u din il-qorti terġa’ ttenni illi l-kwistjoni jekk jitwemminx dak li kien qal l-attur fl-istqarrija jew dak li xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hija kwistjoni ta’ kredibilità u mhux kwistjoni kostituzzjonali, u għalhekk kellha tiġi dibattuta

quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali u mhux dawk ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Il-Qorti tal-Maġistrati għażlet li temmen lix-xhieda l-oħra li xehdu quddiemha, u mhux lill-attur, u għalhekk emmnet ukoll dak li kien qal fl-istqarrija li ta lill-pulizija. Seta' appella minn din id-deċiżjoni iżda ma appellax. L-ewwel qorti qieset ukoll dan il-fatt meta, fis-sentenza appellata, qalet illi "l-Qorti Kriminali [*recte*, il-Qorti tal-Maġistrati] ma qagħdetx biss fuq l-istqarrija li kien għamel ir-rikorrent, iżda eżaminat il-provi kollha u rat li kien hemm provi oħra li jorbtuh mar-reat in kwistjoni".

49. Dan l-aggravju huwa għalhekk bla bażi u huwa miċħud.

50. L-għaxar u l-aħħar aggravju igħid hekk:

«Illi meta wieħed jara l-proċeduri fl-intier tagħhom, ukoll jista' jasal għall-konklużjoni illi l-appellant sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, a kuntrarju tad-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti. Fl-ewwel lok id-drittijiet tiegħu kienu mill-ewwel ippreġudikati minħabba illi ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma rrilaxxa stqarrija. Imbagħad din l-istqarrija, li kienet minnha nnfisha preġudikanti għad-drittijiet tal-appellant, ġiet użata kontra tiegħu fi proċeduri kriminali. Il-preġudizzju li sofra l-appellant kien ukoll aktar gravi fis-sens illi għalkemm huwa kkontesta l-kontenut ta' din l-istqarrija quddiem il-Qorti tal-Magistrati, liema kontestazzjoni tista' tgħid li ġiet prattikament aċċetata mill-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati mhux talli ma ħadet l-ebda passi biex tassigura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellant, bħal ma wara kollox kien l-obbligu tagħha li tagħmel, iżda anzi użat din l-istqarrija kontra l-appellant fid-deċiżjoni tagħha. Il-provi li nġabu mill-prosekuzzjoni kontra l-appellant fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienu inkriminanti proprju fid-dawl tal-istqarrija illi huwa rrilaxxa in vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu, u dan jemerġi anke minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk huwa ċar illi, anke meta wieħed jeżamina l-intier tal-proċedura kriminali kollha li ttieħdet kontra l-appellant, ma jistax ikun hemm ċertezza illi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie protett u garantit mill-Qorti tal-Maġistrati.

«F'dan is-sens l-ewwel onorabbli qorti għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront

tal-appellant peress illi straħet biss fuq dak li ntqal fis-sentenza minflok ma għarblet sew l-intier tal-proċeduri. Kieku saret din l-evalwazzjoni, kien joħroġ ċar il-fatt illi meta l-Qorti tal-Maġistrati qalet illi x-xhud … kien ra lill-appellant mis-*security monitors* ipoġġi bagalji fuq *trolley* minflok ma jpoġġihom fuq il-*conveyor belt*, kienet tagħraf illi l-Qorti tal-Maġistrati waslet għal din il-konklużjoni mhux biss a bażi ta' dak li qal dan ix-xhud iżda ta' dak li x-xhud qal fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat. Dan għaliex ix-xhud speċifika illi l-kwalità tal-*footage* kienet ħażina ħafna u li huma raw persuna tpoġġi dawn il-bagalji fuq *trolley*, iżda fl-ebda ħin ma għarfu lill-appellant minn dan il-*footage*. Fil-fatt, il-kwalità ta' dan il-*footage* kienet tant hażina illi lanqas biss ġie prodott fil-proċeduri bhala prova. Bir-rispett kollu, ma jagħmilx sens, jekk konklużjoni rigward vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq tiddependi fuq l-intier tal-proċeduri, illi l-ewwel qorti tevalwa biss dak li jkun intqal fis-sentenza. … … …»

51. Dan l-aggravju ma jgħid xejn ġdid ħlief illi issa jrid illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali jagħmlu valutazzjoni ġdida tal-provi tal-proċess kriminali, bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali hija grad ieħor ta' appell. F'kull każ, l-allegazzjoni tal-attur illi l-ewwel qorti "straħet biss fuq dak li ntqal fis-sentenza minflok ma għarblet sew l-intier tal-proċeduri" hija għal kollox gratuwita, għax il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru 2011[10] quddiem l-ewwel qorti jgħid illi "l-qorti tara li għandha timxi bħala provi fuq l-atti tal-proċess kriminali". Naturalment, il-fatt illi l-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali tqis "l-intier tal-proċeduri" ma jfissirx illi għandha tagħmel valutazzjoni ġdida tal-fatti, għax il-kompitu tagħha ma huwiex dak.

52. Ukoll, ma hu minnu xejn illi kien biss bis-saħħa tal-istqarrija illi kien magħruf illi l-persuna li dehret fuq il-*monitors* kienet l-attur għax il-Qorti tal-Maġistrati fehmet illi x-xhieda għarfu lill-attur u qabduh *in flagrante*, u mkien ma tgħid illi kien identifikat biss bis-saħħa tal-istqarrija tiegħu. Li kieku ma ntgħarafx, għala ttieħed quddiem il-pulizija u ntalab jagħti stqarrija?

53. Il-fatt jibqa' illi l-Qorti tal-Maġistrati qagħdet mhux biss fuq l-istqarrija tal-attur iżda wkoll fuq ix-xhieda ta'

10 *Fol.* 15 tal-proċess tal-ewwel qorti.

dawk li rawh b'għajnejhom. Issa li jidher li jrid l-attur hu illi kull fejn dik ix-xhieda kienet korroborata wkoll b'dak li stqarr hu mal-pulizija, il-Qorti tal-Maġistrati kellha tiskartaha!

54. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhek miċħud.

55. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-attur ma ġarrab ebda ħsara mill-fatt illi għamel stqarrija meta ma kellux l-għajnuna ta' avukat. Instab ħati mhux bis-saħħa ta' dik l-istqarrija biss iżda wkoll fuq ix-xhieda ta' min ra b'għajnejh. Il-fatt li tteħditlu l-istqarrija ma jissarrafx f'għotja ta' impunità.

56. F'dan l-istadju l-qorti tista' għalhekk tgħaddi biex tiċħad ukoll l-ewwel aggravju, illi l-konsiderazzjoni tiegħu tħalliet għal wara li jiġi deċiż jekk kienx hemm tassew ksur tal-jeddijeit tal-attur[11]. Ladarba ma kien hemm ebda ksur, il-fatt illi l-ewwel qorti qalet, *obiter*, illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kontra l-attur kienet saret *res iudicata* qabel ma ġie magħruf il-jedd għall-parir ta' avukat ma hija ta' ebda relevanza għall-għanijiet tal-appell.

Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż kollha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[11] Ara para. 11, *supra*.